MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2010

Numru 118/2005

## PULIZIJA
## SPETTUR ALEXANDER PAUL MIRUZZI
## VS
## BRIAN GALEA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Brian Galea ta’ 31 sena, iben Grezzju u Mary xebba Mifsud, imwieled Pieta’ fis-7 ta’ Novembru, 1973, residenti ‘Vellini’ Triq il-Gilju Manikata u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 529673(M).

Illi huwa akkuzat talli fil-11 ta’ Awwissu 2003 u fil-perijodu 2003 u fil-perijodu ta’ qabel din id-data f’Malta assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f’Malta li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija, u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fil-11 ta’ Awwissu 2003 u fil-prijodu ta’ qabel din id-data f’Malta ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew eghmil qarrieqi, inkella b’abbuz ta’ awtorita’ jew setgha, inkella ta struzzjonijiet biex isir id-delitt jew ghad li kienx wiehed mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) jew (c) ta’ l-Artikolu 42 tal-Kap.9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta, b’xi mod li jkun, xjentement, ghin jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi ftieghem jew ipprova, jew jghin, hajjar, ta parir jew qabbad lil xi persuna jew persuni ohra biex jiksru d-depozizzjonijiet tar-Regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Hersien ta’ l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg jew biex jonqos milli jikkonforma ma’ xi wiehed minn dawn id-dipozizzjonijiet (inkluzi xi ordni legittimament moghtija bis-sahha ta’ xi dispozizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti) jew biex jiksru xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposati minn dawn ir-regolamenti jew bis-sahha taghhom, u dan bi ksur ta’ Avviz Legali 146/1993 Art.25 kif sussegwentament emendati;

Fuq talba tal-Kontrollur Tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud huwa akkuzat talli fil-11 ta’ Awwissu 2003 u/jew fix-xhur ta’ qabel, bil-komplicita’ u l-kooperazzjoni ta’ persuna jew persuni ohra, biex jikseb xi vantagg ghalih innifsu u/jew ghall-haddiehor, kontra l-Ligi bil-hsieb li jiffroda l-Gvern ta’ Malta minn taxxa dovuta u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni xjentement, kellu x’jaqsam fl-importazzjoni f’Malta ta’ ghad ta’ glud ta’ tjur, ta’ annimali u ta’ rettili;

L-importazzjoni ta’ dawn il-glud hija projbita u/jew ristretta. Dawn ghandhom valur totali ta’ Lm 27,997.00c u dazju xejn;

L-imsemmija oggetti huma soggetti ukoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm 5,039.46c

u liema Taxxa il-Valur Mizjud ma gietx imhallsa u/jew kawtelata;

Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998). Reati u Pieni: l-Artikoli 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru.XXIII ta’ l-1998);

Kif ukoll ta’ l-Artikolu 60(b)(k); l-Artikolu 62(a)(i)(k) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap.37; kif ukoll l-Avviz Legali Nru. 44/82 tal-Ligijiet ta’ Malta; izda wkoll, meta jinstab hati, terz tal-piena ta’ flus, fuq talba tal-prosekuzzjoni bhala dejn civili u ghandu jigi dikjarat mill-Qorti kompetenti fl-ghoti tas-sentenza li hu dovut u li ghandu jihallas lill-Gvern u ghandu jigi segwit fl-istess Qorti li taghti s-sentenza bl-istess mod bhallikieku nghatat f’azzjoni civili bejn l-Gvern u l-hati.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.110) taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 3 ta’ Novembru, 2010 fejn l-imputat ma ghandux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat fil-verbal datat 18 ta’ Novembru 2010;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Brian Galea**, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 48 A, 42 u 120 tal- Kap 9, Artiklu 80 tal- Att tat-Taxxa fuq il-

Valur Mizjud, Att XX111 tan-1998, Artiklu 60 (b)(k) u Artiklu 62 (a)(i)(k) tal- Kap 37 u Artiklu 12 (1), (2), (3) u 17 (5), Artiklu 25 ta' l-Avviz Legali 146/1993 u Avviz Legali 44 ta 1982 tikkundanna lill-imputat ihallas is somma ta' elfejn, tlett mija, disgha u ghoxrin Ewro, sebgha u tletin centezmu (2329.37 Ewro) liema multa ghandha tithallas b' rata mensili fi zmien sitt (6) xhur

Din il-multa qed tinghata in vista ta skorta ta' sentenzi fuq l-istess materja in ezami fejn gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali illi ghal rigward ta' **piena** ma kinietx applikabbli l-Ligi tad-Dwana jew il-Ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, (ara Artiklu 62 proviso (c) tal-Kap.37) izda kienet bl-Avviz Legali 146/1993 12 sub inciz 2 u 25 sub inciz 3, kif emendat l-Avviz Legali 79/06. **(ara Appell Kriminali per Onor Imhallef David Scicluna, fis-sentenza l-Pulizija vs France Camilleri Et. Deciza fl-4 ta' Mejju 2007, u Appell Kriminali per Onor Imhallef Joseph Galea Debono deciza fid-9 ta' Awissu 2007 fis-sentenza l-Pulizija, l-Ispettur Miruzzi vs. Mario Ellul; Pulizija vs Damian Gouder et deciza fi 28 ta' Marzu, 2008 Qorti tal- Magistrati u Pulizija vs Henry Borda deciza fi 2 ta' Novebru, 2007 App. Krim per Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano).**

In oltre il-Qorti tordna is-sospensjoni tal-licenzja u ta' l-imputati ghal sena' ai terminu ta' regolarment 25 (3) ta' l-Avviz Legali 146/1993 u tordna l- konfiska u distruzzjoni ta' l- oggetti illeciti esebiti mill- Prosekuzzjoni f' dawn l-atti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------